# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 15**

**Avviz numru 190/01/SM**

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Mary Yvonne Grima Carabott u l-istess M.Yvonne Grima Carabott**

**vs**

**Mark Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datata t-8 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-istanti Untours Insurance Agents Ltd noe LM482.23,0 u lill-istanti Mary Yvonne Grima**

**Carabott LM25 danni in segwitu ghall-habta fiz-Zejtun fis-16. 12. 98 bejn car Peugoet SMU-302 misjuqa minn Anthony Grima u car FBE-517 misjuqa minnu. Il-car Peugeot kienet assikurata b'polza comprehensive mas-socjeta' assikurattrici attrici. Prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident u danni;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-26.03.99 u tal-24.01.01, tar-rikors tas-27.02.01 ghan-notifika wara l-hin u tal-ittra ufficjali tallum ai termini tal-Kap 104;**

3. **Bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Anthony Grima xufier tal-vettura assikurata mis-socjeta' attrici noe;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-nota tal-konvenut datata t-22 ta' April tas-sena 2002;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tas-1.00 p.m. tas-16 ta' Dicembru ta' l-1998 fi Triq A.**

**Cachia Zammit, iz-Zejtun, u fih kienu nvoluti l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni SMU-302 misjuqa minn Anthony Grima u l-vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni FBE-517 misjuqa mill-konvenut Mark Caruana;**

**2. Illi d-dinamika ta' l-incident kienet is-segwenti:**

**a. Illi l-vetturi kienu t-tnejn qed jigu misjuqa fl-istess direzzjoni fit-triq fuq indikata;**

**b. Illi l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru SMU-302 kienet qed tigi misjuqa fuq il-karreggjata esterna filwaqt li dik tal-marka Hyundai bin-numru FBE-517 kienet fuq dik interna;**

**c. Illi meta z-zewg vetturi gew f'tarf it-triq li tizbokka ghal go Triq Toni Zahra, l-vettura Peugeot fuq indikata daret fuq ix-xellug taghha biex iddur ghal go Triq Toni Zahra u sehh l-incident de quo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi manuvra bhal din azzardata mill-konducent tal-atturi hi wahda koncessa biss jekk il-konducent ma jkollu l-ebda ostakolu legittimu quddiemu;**

**Illi din il-manuvra hi tassew perikoluza tenut kont il-presenza tal-vettura tal-konvenut;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**